*Interpretazzjoni tal-artikoli 907,963 u 199*
*tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*X'inhuma l-konsegwenzi ta' digriet ta' kancellament*
*dwar spejjez meta kawza tigi riproposta*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Settembru, 2018**

**Numru**

**Rikors Numru 385/17TA**

**Joseph Gauci [Karta ta' Identita Numru: 200957M], Dennis Mark Gauci [Karta ta' Identita Numru: 387484M], Aldo Zammit [Karta ta' Identita Numru: 112674M] u Brian Farrugia, Karta ta' Identita Numru: 608581M f'isimhom proprju u bhala socji fid-ditta ta' *Accountants* u Udituri Pubblici KSi Malta**

**vs**

**Mariella Sammut [Karta ta' Identita Numru: 424067M]**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tal-Atturi prezentat fit-2 ta' Mejju 2017 u mahluf minn Joseph Gauci fl-istess data li permezz tieghu premettew u talbu s-segwenti:-

"1. Illi l-konvenuta kienet giet impjegata mad-ditta KSi Malta fl-24 ta' April, 2014 ghab-bazi ta' Ftehim ta' Impieg li kopja tieghu tinsab hawn unita u mmarkata bhala Dokument KSi 1.

2. Illi skont l-imsemmi Ftehim ta' Impieg il-konvenuta kellha terminu definit ta' ingagg ta' tlett snin.

3. Illi lejn tmien is-sena 2015 l-konvenuta avvicinat lill-attur Joseph Gauci li huwa l-*Managing Partner* tad-ditta KSi Malta u talbitu sabiex jesoneraha mill-obbligu li tahdem it-terminu kollu tal-impieg skont ma kien gie miftiehem u in sostenn ta' din it-talba taghha pproduciet certifikat mediku filwaqt li stqarret li kienet zviluppat sintomi ta' kancer tas-sider. Kopja tac-Certifikat Mediku prodott mill-konvenuta tinsab hawn unita u mmarkata bhala Dokument KSi 2.

4. Illi kkonfrontat b'dawn il-fatti u cirkostanzi, l-attur Joseph Gauci accetta ghal ragunijiet kompassjonali li jittermina prekocement il-Ftehim ta' Impieg tal-konvenuta u esoneraha mill-hlas li l-konvenuta kienet statutorjament obbligata li teffettwa u ghalhekk gie iffirmat Ftehim ta' Terminazzjoni li kopja tieghu tinsab hawn unita u mmarkata bhala Dokument KSi 3.

5. Illi rrizulta li ftit granet biss wara li gie tterminat il-Ftehim ta' Impieg tal-konvenuta, ghar-ragunijiet kompassjonali marbuta ma' allegata marda li kienet hakmet lill-konvenuta, din ta' l-ahhar, impjegat ruhha ma' kumpannija EIG Holdings Limited bhala *Assistant Financial Controller* u dan kif jirrizulta id-dokument hawn unit u mmarkata bhala Dokument KSi 4.

6. Illi huwa car li l-Ftehim ta' Terminazzjoni gie instigat minn att doluz da parti tal-konvenuta li wassal sabiex l-atturi gew ingannati u indotti dolozament sabiex jaccettaw it-terminazzjoni prekoci tal-Ftehim ta' Impieg u jehilsu lill-konvenuta mill-hlas ta' dak li hija kienet statutorjament obbligata li thallas kieku ghazlet li tittermina l-Ftehim ta' Impieg qabel iz-zmien, minn jedda.

7. Illi minghajr ir-raggiri uzati mill-konvenuta, ir-rikorrenti atturi ma kienux jikkuntrattaw il-Ftehim ta' Terminazzjoni u ghalhekk l-att doluz tal-konvenuta ezercita influwenza deciziva fuq id-dikjarazzjoni ta' volonta tar-rikorrenti atturi u konsegwentement il-Ftehim ta' Terminazzjoni huwa affett minn vizzju tal-volonta tar-rikorrenti atturi.

8. Illi jsegwi li l-esponenti rikorrenti atturi kawza ta' dan l-att doluz u tar-raggiri uzati mill-konvenuta soffrew danni konsistenti f'dak l-ammont li l-konvenuta kienet statutorjament obbligata li thallas konsegwenza tal-ghazla taghha li tittermina l-impieg taghha qabel iz-zmien.

Ghalhekk ghar-ragunijiet premessi l-esponenti rikorrenti atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) prevja dikjarazzjoni li l-konvenuta uzat raggiri u aggixxiet dolozament sabiex tinganna u tinduci dolozament lir-rikorrenti atturi sabiex jaccettaw it-terminazzjoni prekoci tal-Ftehim ta' Impieg taghha u jersqu ghall-iffirmar ta' Ftehim ta' Terminazzjoni, tordna r-rexissjoni tal-Ftehim ta' Terminazzjoni tat-8 ta' Ottubru, 2015;

(2) konsegwentement tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-hlas ta' danni kkawzati lir-rikorrenti atturi konsistenti f'dak il-valur li l-konvenuta kienet statutorjament obbligata li thallas lir-rikorrenti atturi rizultat tat-terminazzjoni prekoci tal-impieg taghha mar-rikorrenti atturi;

(3) tillikwida d-danni kkawzati u arrekati lir-rikorrenti atturi mill-konvenuta okkorrendo permezz ta' periti nominandi;

(4) tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data meta kull ammont ta' danni sar legalment dovut sal-effettiv pagament kontra l-konvenuta li minn issa tinsab ngunta ghas-subizzjoni."

Rat ir-Risposta Guramentata tal-Konvenuta Mariella Sammut prezentata fis-7 ta' Novembru 2017 u mahlufa fis-6 ta' Novembru, 2017 mill-imsemmija Mariella Sammut li permezz taghha wiegbet u eccepiet is-segwenti:-

"1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti qatt ma setghu jipprocedu b'din l-azzjoni qabel ma hallsu l-ispejjez inkorsi mill-konvenuta Mariella Sammut in konnessjoni mar-risposta taghha ghall-kawza intavolata fuq l-istess haga u fl-istess ismijiet u cioe` "Joseph Gauci et v Mariella Sammut 436/2016/MCH" liema kawza giet kancellata minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta (ara **Dok MS1**) wara illi l-atturi ma dehrux izjed minn darbtejn, l-ispejjez ta' liema kawza dovuti lill-konvenuta sal-lum ghadhom ma thallsux u dana kollu ai termini tal-Artikolu 907 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi huwa minnu li l-esponenti kienet impjegata mad-ditta KSI Malta fl-24 ta' April, 2014 a bazi ta' Ftehim ta' Impieg ghal zmien definit ghat-tul ta' tlett (3) snin.

3. Illi a kuntrarju ta' dak allegat mill-mittenti, l-esponenti kienet ilha, sa minn Awissu tal-2015, li esprimiet ix-xewqa taghha li tittermina l-kuntratt tal-impieg taghha b'mod amikevoli – u f'dan l-istadju – minghajr ebda tip ta' riferenza ghall-mard jew kundizzjonijiet li dak iz-zmien kienu ghadhom ma tfaccawx, izda b'referenza cara ghall-fatt illi x-xoghol li kienet tinghata mir-rikorrenti ma kienx dak it-tip ta' xoghol li hija applikat u ntaghzlet ghalih u kwindi ma kienetx kuntenta f'xogholha minhabba nuqqasijiet tas-socjeta` KSI Malta.

4. Illi in risposta ghal din it-talba tal-intimata, is-Sur Joseph Gauci f'isem il-kumpannija KSI, accetta li jiddiskuti dina t-terminazzjoni amikevoli, u fil-fatt kien hemm qbil bejn il-partijiet biex isir *Termination Agreement* amikevoli u sabiex l-intimata tahdem sal-ahhar ta' Ottubru 2015.

5. Illi meta ntlahaq il-ftehim dwar din it-terminazzjoni u meta kien gie deciz illi jigi ffirmat *Termination Agreement* – l-intimata dak iz-zmien kienet qed turi sintomi suspettuzi li setghu iwasslu ghal-kancer tas-sider, u malli s-socjeta` rikorrenti saret konoxxenti ta' dan – id-diregenti tas-socjeta` rikorrenti huma stess riedu illi titnizzel li l-intimata kienet marida bhala raguni li tissostanzja t-terminazzjoni – u dan biss – fi kliem Joseph Gauci stess – biex ikun hemm "gustifikazzjoni" ghat-temm tal-impieg taghha f'ghajnejn l-impjegati l-ohrajn, u biex ma jinholoqx precedent ma haddiema ohra li forsi riedu wkoll jitterminaw il-kuntratt taghhom b'mod simili.

6. Illi in vista ta' dan kollu, nhar it-8 ta' Ottubru 2015 sar *Termination Agreement* ("**Termination Agreement**")(anness u mmarkat bhala **Dok MS2**) bejn is-socjeta` mittenti u l-intimata esponenti, fejn il-partijiet qablu li jitterminaw il-kuntratt tal-impieg in kwistjoni, u gie mnizzel fl-istess *Termination Agreement* bhala preambolu illi "**Whereas the Employee is unwell and wishes to terminate her relationship with the Firm**" kien qieghed jigi miftiehem bejn il-partijiet li ser jigi tterminat bonarjament il-kuntratt definit tal-intimata, u bhala korrispettiv l-intimata Sammut hallset s-somma ta' elt tmien mija u tlieta u tletin Euro (**€1833.00**) u dan a saldu u '***in full and final settlement of all pending due in relation to the early termination of the Employment Agreement***'.

7. Illi kontestwalment mal-iffirmar tat-*Termination Agreement*, l-intimata prezentat lil Joseph Gauci kopja ta' certifikat mediku datat 8 ta' Ottubru 2015 (anness u mmarkat bhala **DOK MS3**) li jixhed illi hija kienet qeghdha tinvestiga sintomi suspettuzi ta' kancer tas-sider li kienet innotat. Kien l-istess Gauci illi talab lill-intimata ggib certifikat fl-istess gurnata tal-iffirmar tal-kuntratt.

8. Illi dan ic-certifikat kien mahrug mit-tabiba Dr. Maria R. Borg (Reg no 2208) tad-Divizjoni tas-Sahha Primarja, Furjana.

9. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, meta gie iffirmat il-kuntratt a saldu u *in full and final settlement*, apparti il-pagament surreferit, l-intimata wkoll irrinunzjat (u b'hekk tista' tghid li effettivament hallset ukoll) is-somma ta' elf tlett mija u sittax il-Euro (€1,316) konsistenti f'(i) sebgha tijiem xoghol bejn l-1 ta' Ottubru 2015 u d-9 ta' Ottubru 2015 li ma thallsux mis-socjeta` mittenti (7 days x 8 hours x Eur10.59/hr = Eur593) (ii) Vacation leave mhux utilizzat ta' 61 il-siegha x 10.59 = EUR 646) (iii) Bonuses (14 il-gimgha minn Lulju u gimgha minn Settembru = EUR 77) liema ammonti kienu dovuta lilha skond il-ligi.

10. Illi sussegwentement u wara dina t-terminazzjoni, l-intimata sfortunatament **kompliet tizviluppa is-sintomi li kienet qieghda tissuspetta li kellha, u ghalhekk kellha tiehu l-kura necessarja u preventiva biex tevita konsegwenzi ulterjuri**.

11. Illi ghalhekk hija attendiet diversi appuntamenti medici fejn giet ezaminata ulterjorment (ara "*ticket of referral*" datat 28 ta' Ottubru 2015 anness u mmarkat bhala **DOK MS4**) u ghamlet "*mammogram*" ulterjuri nhar l-20 ta' Novembru 2015 (ara dokument anness u mmarkat bhala **DOK MS5**) fejn instab illi l-intimata kellha cesta f'sidiriha u ghaldaqstant inghatat appuntament iehor datat 21 ta' Dicembru 2015.

12. Illi fil-21 ta' Dicembru 2015, l-intimata regghet attendiet appuntament iehor gewwa l-Isptar Mater Dei fejn instab illi kien hemm "*several cysts*" f'sider l-intimata, u fuq liema *cysts* kellu jsir intervent sabiex dawn jigu mnehhija u kkurati (ara **Dok MS6**).

13. Illi sussegwentemet ghal dan l-intervent, l-intimata kompliet taghmel *follow up tests* necessarji gewwa l-isptar Mater Dei, fejn f'Jannar tal-2016 l-intimata giet notifikata illi r-rizultati tal-Mammogram taghha kienu pozittivi.

14. Illi huwa minnu illi wara t-tmiem bonarju tal-impieg definit taghha mir-rikorrenti – u fiz-zmien fejn kienet ghada ghaddejja mit-testijiet relatati mal-kancer tas-sider, hija sabet xoghol alternattiv b'hinijiet ridotti part time sabiex tkun tista tiffoka fuq il-kura taghha, u dan minghajr ebda dannu ghall-KSI (ara l-kuntratt tax-xoghol anness u mmarkat bhala **DOK MS7**).

15. Illi jigi rrilevat wkoll illi l-fatt illi hija sabet xoghol alternattiv (u *part time*) ma kumpanija ohra, waqt li kienet qeghdha tiehu l-kura necessarja – ma rreka l-ebda tip ta' danni lir-rikorrenti, u jekk gew rekati dawna d-danni, s-socjeta` rikorrenti ghandha ggib il-prova taghhom.

16. Illi tajjeb jigi specifikat illi l-istess *Termination Agreement* gie milhuq u miftiehem qabel ma tfaccaw is-sintomi suspettuzi tal-possibbli kancer – u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.

17. Illi b'kull rispett, l-istess *Termination Agreement* qatt ma kien bbazat fuq il-presuppost illi l-intimata ma setghetx issib xoghol iehor waqt li tircievi l-kura necessarja.

18. Illi apparti minn hekk ghandu jigi ssottolinejat illi *Termination Agreement* surreferit qatt ma kien jivjeta jew jipprojbixxi lir-rikorenti milli ssib xoghol iehor – la implicitament u lanqs esplicitament - u ghalhekk il-fatt illi hija sabet xoghol alternattiv iehor ftit wara li telqet mis-socjeta` rikorrenti m'ghandu jkollu l-ebda tip ta' rilevanza ghall-kaz odjern.

19. Illi minghajr pregudizzju ghall-fatt illi d-diskussjonijiet li wasslu ghat-*Termination Agreement* qatt ma kienu ibbazati fuq il-presuppost illi l-intimata kienet marida, xorta wahda ma jistax jinghad illi kien hemm agir frawdolenti jew raggiri min-naha tal-intimata, ghaliex it-*Termination Agreement* fuq liema ir-rikorrenti qeghdin isejsu l-argumenti taghhom jghid biss fil-preambolu illi "T*he Employee is unwell and wishes to terminate her relationship with the firm*" u ma jispecifikax x'tip u xi gravita` ta' mard kellha tbaghti minnu l-intimata sabiex tiggustifika t-temm tal-impieg.

20. Illi jsegwi illi l-konkluzjoni tar-rikorrenti illi l-intimata "ingannat" u "irragirrat" lir-rikorrrenti sabiex jidhlu fl-istess ftehim bonarju huwa fierah, assurd u frivolu, u dan ghaliex donnu huwa bbazat fuq is-semplici fatt illi l-intimata irnexxilha tiehu l-kura preventiva necessarja sabiex tevita illi l-kundizzjoni taghha tmur ghall-aghar. Jirrizulta car illi fil-mument tat-temm tal-impjieg l-intimata verament kienet 'unwell' u kienet qed tmur l-isptar 'undergoing investigations' kif kien espress fic-certifikat mediku ipprezentat lil Gauci. Kwindi l-allegazzjoni li hija ippruvat tqarraq lir-rikorrrenti fil-mument tat-terminazzjoni hija falza, ingustifikata, xokkanti u tal-misthija.

21. Illi bir-rispett kollu, r-rikorrenti donnhom qeghdin jimplikaw, illi l-intimata ingannathom ghas-semplici raguni illli hija irnexxilha tfieq u tevita marda kerha, liema argument ghandu bir-rispett jigi skartat bil-qawwa kollha minn dina l-Onorabbli Qorti.

22. Illi hija proprja tal-misthija illi r-rikorrenti huma disposti jqajjmu tali pretensjoni meta jafu sew x'kienu d-diskussjonijiet li wasslu ghat-terminazzjoni, jafu sew li l-intimata kienet qed taghmel testijiet medici, u huma ben konxji li qatt ma sar ftehim li permezz tieghu kienet pprojbita tahdem fil-futur – li wara kollox – huwa d-dritt taghha li tfittex u tikseb xoghol u li taqla' l-ghixien (anki jekk "parti-time") – dritt li jippermetti lil persuna li jkollha livell ta' dinjita` minkejja t-tbatijiet li hija trid tiffaccja.

23. Illi in vista tan-nuqqas ta' frodi u raggiri allegati mir-rikorrenti, it-*Termination Agreement* in kwistjoni huwa vigenti u ghandu l-forza tal-ligi

bejn il-partijiet (*pacta sunt servanda*) u ghaldaqstant ir-rikorrenti m'ghandhom l-ebda pretiza kontra l-intimata abbazi tal-istess Termination Agreement illi jghid carament illi "*Both Parties are hereby renouncing to any and all legal action in front of any court, authority or tribunal, in relation to the entire employment relationship that commenced on the 24th October 2014*".

24. Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-intimata tirrespingi bis-sahha kollha l-allegazzjonijiet ta' qerq u raggiri bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

    a. Tichad it-talbiet tar-rikorrent ghar-rexissjoni tat-Termination Agreement u tiddikjara u tikkonferma illi ma kien hemm l-ebda frodi, raggiri u/jew qerq min-naha tal-intimata meta ffirmat l-istess;

    b. Konsegwentement tiddikjara u tikkonferma l-validita` u l-applikabilita` tat-*Termination Agreement* bejn il-partijiet;

    c. Tichad fl-intier taghhom it-talbiet tar-rikorrent ghal-likwidazzjoni u hlas ta' kwalunkwe danni jew arretrati allegatament dovuti lilhom;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti, inkluz tal-Ittra ufficjali Risponsiva tal-25 ta' Frar 2016 li minn issa jinsabu ingunti in subizzjoni."

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Qrat ix-xhieda fil-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Gunju 2018 fejn il-kawza thalliet ghal-lum ghas-Sentenza parzjali dwar l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-Konvenuta.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

**1.** Il-fatti li sawwru l-vertenza li ghandha quddiemha din il-Qorti johorgu minn ftehim bejn il-partijiet datat 8 ta' Ottubru 2015 (a` fol 14 u 39). Permezz

ta' dan il-ftehim, gie terminat qabel zmienu l-Ftehim ta' Impieg li l-Konvenuta kellha mas-Socjetá Attrici datat 24 ta' April 2014 (a` fol 4). Bis-sahha ta' dan l-ahhar ftehim, il-Konvenuta giet ezonerata mill-hlas li kienet tkun altrimenti statutorjament obbligata li teffetwa, kieku ghazlet li tittermina l-Ftehim ta' Impieg qabel iz-zmien minn jeddha.

**2.** L-Atturi ghazlu li jiffirmaw dan il-ftehim ta' terminazzjoni tal-Impieg, ghaliex il-Konvenuta ikkonvinciet lill-Atturi li ma setghetx tissokta fl-impieg taghha minhabba ragunijiet ta' sahha, specifikament ghaliex kienet zviluppat sintomi ta' kancer tas-sider. In sostenn ta' dan, il-Konvenuta sahansitra ipproduciet certifikat mediku datat 8 ta' Ottubru 2015 (a` fol 13 u 40) mahrug mid-Divizjoni tas-Sahha Primarja fejn fih hemm dikjarat is-segwenti:-

> "*This is to confirm that the above will be undergoing investigations at Mater Dei and is not fit to attend work at the present time*."

**3.** Izda fl-istess xahar li fih gie tterminat il-Ftehim ta' Impieg datat 8 ta' Ottubru 2015, l-Atturi saru jafu li l-Konvenuta kienet impjegat ruhha mal-kumpanija EIG Holdings Limited bhala Assistant Financial Controller. Dan jirrizulta mid-Dokument KSi 4 prezentat mill-Atturi a` fol 15.

**4.** Minhabba f'hekk l-Atturi qed jitolbu lil din il-Qorti tordna r-rexissjoni tal-Ftehim ta' Terminazzjoni tat-8 ta' Ottubru 2015, prevja dikjarazzjoni li l-Konvenuta uzat raggiri u agixxiet dolozament sabiex tinganna u tinduci

dolozament lill-Atturi jaccettaw li jitterminaw il-Ftehim ta' Impieg kif fuq spjegat.

**5.** Ai fini tal-eccezzjoni li qed tkun ittrattata f'din is-Sentenza irid jinghad li kienet gia giet istitwita kawza ohra bejn l-istess partijiet u fuq l-istess mertu, quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, fl-ismijiet "Joseph Gauci et vs Mariella Sammut", Rik. Nru. 436/2016/MCH u dan kif jirrizulta mill-verbal maqbul bejn il-partijiet, datat 7 ta' Mejju 2018 (a` fol 72). Dik il-Kawza l-ohra kienet giet ikkancellata permezz tal-verbal datat 16 ta' Jannar 2017 (a` fol 37) minhabba li ma deher hadd mill-Atturi u d-difensuri taghhom.

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**6.** F'dan l-istadju, din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn toqghod taghmel referenza ghall-aspett sostantiv tal-azzjoni esperita mis-Socjeta` Attrici. Il-Qorti ser tkun qeghdha tillimita ruhha ghall-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Konvenuta. F'dan ir-rigward il-Konvenuta laqghet ghall-azzjoni attrici billi b'mod preliminari eccepiet li l-Atturi ma setghux jipprocedu b'din il-kawza qabel ma hallsu l-ispejjez inkorsi mill-Konvenuta in konnessjoni mal-kawza l-ohra intavolata fuq l-istess haga u fl-istess ismijiet u cioe` "Joseph Gauci et vs Mariella Sammut", Rik. Nru. 436/2016MCH. Fil-verbal datat 7 ta' Mejju 2018 (a` fol 72) il-partijiet qablu li dik il-Kawza kienet titratta l-istess mertu u bejn l-istess partijiet. Kif diga` accennat, dik il-Kawza giet Kancellata.

Ghalhekk huwa evidenti li l-Konvenuta qed tqanqal din l-eccezzjoni billi tistrieh fuq dak li jiddisponi l-Artikolu 907 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**7.** Irid jinghad ukoll li mill-verbal datat 13 ta' Marzu 2018 (a` fol 65) jirrisulta, li l-hlas tal-Kawza fl-ismijiet "Joseph Gauci et vs Mariella Sammut", Rik. Nru 436/2016MCH fuq imsemmija u li kienet giet kancellata kif fuq inghad, gie effettwat fil-mori ta' dawn il-proceduri.

**8.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet imressqa minnha, il-Konvenuta eccepiet ulterjorment l-improponibiltá ta' din l-azzjoni ghaliex fir-"rikors promotur tat-tieni kawza rikorrenti fl-istess ismijiet naqas milli jsegwi d-dettami tal-Artikolu 199 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta dwar ir-riappuntament tal-kawzi kancellati". Din il-Qorti ghalhekk sejra tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni dilatorja mressqa fir-risposta guramentata, kif ukoll ta' dik sollevata in via ta' nota ta' sottomissjonijiet sabiex tqis jekk tistax tkompli tisma' u tikkonsidra l-mertu u jekk ghalhekk, ghandhiex tillibera lill-Konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

**9.** Bl-Artikolu 906(1) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, rinunzja ghall-atti issir permezz ta' nota ffirmata minn parti fil-kawza jew l-avukat tal-istess parti f'kull waqt tal-kawza sas-Sentenza definittiva. Skont l-Artikolu 907(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-rinunzja ggib l-istess effetti tad-dezerzjoni.

**10.** Jirrisulta lil din il-Qorti, li l-kawza fl-ismijiet "Joseph Gauci et vs Mariella Sammut", Rik. Nru. 436/2016/MCH ma gietx rinunzjata ai termini tal-artikolu 906(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta izda kancellata ai termini tal-artikolu 199(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Huwa minnu li kemm-il darba gie ritenut minn dawn il-Qrati, li kancellament, bhar-rinunzja, jgib l-istess effett ta' dezerzjoni skont il-ligi kif del resto jiddisponi b'mod car l-artiklu 907(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta .

**11.** F'din il-Kawza l-argument sillogistiku tal-Konvenuta huwa semplici u facli biex tifhmu. Galadarba l-artiklu 907(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi li l-Istitut tac-cessjoni ta' Kawzi jgib mieghu l-istess effetti tal-Istitut tad-Dezerzjoni jsegwi ghalhekk, li Kawza ikkancellata fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artiklu 199(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, igib mieghu wkoll l-effetti tal-artiklu 907(2) tal-istess Kap, fis-sens, li ma tistax tkun riproposta Kawza ohra fuq l-istess mertu u bejn l-istess partijiet tal-Kawza kancellata, qabel ma jithallsu l-ispejjes ta' din il-Kawza l-ohra lill-Konvenut.

**12.** Din il-Qorti hija konsapevoli li hemm Sentenzi li jissuffragaw l-argumenti tal-konvenuta fosthom *li "L-effetti tad-dispożizzjoni tal-ligi huma ta' xejra perentorja tal-gudizzju tali li, jekk kemm-il darba jintwera li l-ispejjeż tal-kawża ta' qabel li tkun marret deżerta ma jkunux għadhom tħallsu qabel ma tkun infetħet il-kawża l-gdida, dak in-nuqqas iħalli effett li jolqot fl-*

*essenza tagħha t-tieni azzjoni bil-konsegwenza li l-parti mħarrka t-tieni darba tinħeles milli tibqa' iżjed fil-kawża"* (ara **Sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Nadia Zammit et -vs- Edward Anastasi et tat-2 ta' Lulju 2009**). Ghalhekk din il-Qorti hasbet fit-tul dwar dan l-aspett tal-Kawza u waslet ghall-konkluzjoni li ma tistax taqbel mal-argumenti mressqa mill-Konvenuta u lanqas ma dak li jirritjenu certu Sentenzi.

**13.** Qabel xejn trid tinzamm distinzjoni bejn, l-***att volontarju ta' parti*** li ccedi l-atti ta' Kawza, mill-Kancellament ta' Kawza taht artiklu 199(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li fih innifsu ***huwa frott ta' komminazzjoni tal-ligi*** u f'certu sens sanzjoni f'idejn il-Qorti. Minn analizi li ghamlet, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni li l-legislatur ma jridx li l-Kancellament kif fuq imfisser igorr mieghu l-effetti tal-artiklolu 907(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn *"il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra"*. Mill-banda l-ohra, l-unika referenza ghall-ispejjes tal-Kawza li insibu f'artiklu 199(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tirrigwarda t-talba sabiex il-Kawza tigi riappuntata, u dan f'mument meta l-istess Kawza tkun ghadha ma marritx dezerta ghaliex iz-zmien ghar-riappuntament ikun ghadu ghaddej.

**14.** Fuq dan l-aspett tal-eccezzjoni in ezami, l-artiklu 963(6) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ikompli jitfa' dawl importanti. Dan is-subartiklu jiddisponi

hekk: ***"Bid-dezerzjoni ta' kawza fil-Qorti tal-ewwel grad il-procediment jispicca izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni".*** Meta dan l-artiklu jinqara fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-artiklu 199(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dawn il-Qrati hekk kellhom xi jghidu f'dan ir-rigward: "*Ghall-kumpletezza jinghad li il-fatt li proceduri precedenti, wkoll ta' natura Kostituzzjonali, gew kancellati minn din il-Qorti fit-23 ta' Mejju, 2001, u ma saretx talba ghar-reappuntament taghhom fit-termini tal-artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jfissirx li l-istess rikorrenti ma jistghux iressqu proceduri ex novo. L-effett ta' kawza kancellata mhux reappuntata huwa l-istess bhal meta kawza titqies dezerta skont l-artikolu 965 tal-Kap 12, u, a tenur ta' l-artikolu 963(6) ta' l-istess Kap 12, "Bid-dizerzjoni ta' kawza fil-Qorti ta' l-ewwel grad il-procediment jispicca, izda ma jispiccax il-jedd ghall-azzjoni". Huwa biss il-gudikant li zzomm it-trattazzjoni ta' kawza determinata f'gudizzju separat, izda d-dezerzjoni, salv ir-responsabilita' ghall-ispejjez, ma zzommx lill-istess parti li fethet l-ewwel kawza li tiftah proceduri godda fuq l-istess meritu.*" (**Anthony Mintoff vs Avukat Generali et**, **Qorti Civili Prim' Awla Gurisdizzjoni Kostituzzjonali, 7 ta' Lulju 2004.** Ara wkoll **Il-Kontrollur tad-Dwana vs Carmel sive Charles Ellul Sullivan et, Qorti Civili Prim' Awla, 10 ta' April 2014)**.

**15.** Ghandu jigi osservat, li f'dan il-bran, il-Qorti ma estenditx l-argument dwar l-ispejjes tal-Kawza b'referenza ghal dak li jiddisponi artikolu 907(2) tal-

Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta f’kaz li terga’ tinfetah Kawza ohra, hlief li ghamlet riserva dwar ir-reponsabbilta` tal-hlas taghhom. F’dan ir-rigward, din il-Qorti ma tistax ma tosservax li kuntrarjament ghal dak li jiddisponi l-artikolu 907(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artiklu 963(6) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, f’ebda hin ma jsemmi li Kawza li titratta l-istess mertu u bejn l-istess partijiet ta’ Kawza ohra li tkun marret dezerta, ghandhom, qabel ma tkun hekk riproposta, jithallsu l-ispejjes ta’ dik il-Kawza lill-parti l-ohra. Igifieri, fejn il-legislatur ried li jkun hekk esprimiha, u dan konsonantament mal-principji *ubi lex voluit dixit.*

**16.** Fi ftit kliem, ghalkemm ic-cessjoni ta’ kawza ggib maghha l-effetti tad-dezerzjoni, id-dezerzjoni fiha nnifisha b’konsegwenza ta’ kancellament ta’ Kawza taht artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, ma ggibx maghha l-effetti tal-artikolu 907(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta inkwantu jirrigwarda l-hlas imsemmi f’dan is-subartiklu. Li hemm komuni bejn artikoli 907 u 199 huwa l-fatt li it-tnejn iwasslu ghad-dezerzjoni fit-termini ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 963(6) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta izda mhux kwantu jirrigwarda l-incidenza tal-ispejjes tal-Kawza.

**17.** Izda apparti l-argumenti fuq imsemmija, kieku kellu jinghad li l-artiklu 907(2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta japplika ghall-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti, dawn il-Qrati amortizzaw u rabtu l-effetti tieghu permezz tal-principju tal-*ius superveniens*.

**18.** F'din il-parti tas-Sentenza ghalhekk tqum il-kwistjoni, jekk ir-regola imposta fis-sub-inciz 2 tal-Artikolu 907 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tistax tigi sanata in virtu` tal-principju fuq imsemmi. Dan qieghed jinghad fid-dawl li fil-mori ta' din il-Kawza l-ispejjes tal-Kawza l-ohra thallsu lill-Konvenuta. Il-**Qorti Civili Prim' Awla fis-Sentenza fl-ismijiet Carmelo sive Charles Farrugia vs Michael Camenzuli et moghtija fit-28 ta' Frar 2011**, trattat din il-kwistjoni kif gej:

"*Illi l-Qorti trid tiddeciedi jekk il-fatt li l-attur naqas li jħallas qabel ma bdiet il-kawża, l-ispejjeż gudizzjarji ta' kawża bejn l-istess partijiet fuq l-istess mertu, ai termini tal-artikolu 907 (2) tal-Kap. 12. Dan jipprovdi li l-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaga qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra.*

*Illi ma hemmx dubju li qabel ma giet istitwita l-kawża dan il-ħlas kien għadu ma sarx. … …*

*Illi madankollu fil-mori ta' din il-kawża id-difensur tal-attur effettivament bagħat cekk li jkopri l-ispejjeż iżda d-difensur tal-attur irrifjutat li taccetta l-ħlas u c-cekk ma giex imsarraf.*

*Illi l-Qrati tagħna matul is-snin li għaddew kellhom okkażjoni jiddikjaraw illi t-teorija tal-jus superveniens giet dejjem applikata mill-Qrati tagħna għall-każijiet meta mingħajr ma tbiddel id-domanda sew għall-oggett jew għall-kawża, għalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument tac-citazzjoni iżda dak id-dritt minnu mitlub jigi jseħħ fil-mori tal-gudizzju, allura l-gurisprudenza in bażi tad-duttrina wisq akkreditata, dejjem accettat li minflok issir kawża oħra, dak id-dritt li jkun mitlub fic-citazzjoni u li gie in eżistenza jew fl-eżereizzju tiegħu waqt il-kawża, jista' jkun deciż f'dik l-istess kawża.* (***"Falzon vs Camilleri"** – **Appell 8 ta' Frar 1943***)

*.......(omissis).......*

*Illi fil-kawża odjerna l-Qorti tħoss li għalkemm kien hemm nuqqas mill-attur u dan certament kellu jħallas l-ispejjeż **qabel** ma beda l-kawża, jissussistu l-elementi biex tigi applikata d-duttrina tal-jus superveniens. Dan għaliex fil-mori tal-kawża huwa għamel tajjeb għal dak in-nuqqas u r-rifjut tal-konvenut li jaccetta l-pagament ma huwa ragonevoli xejn u intiż biss biex itawwal il-proceduri. L-artikolu 907 (2) qiegħed hemm biex ikun hemm certezza li l-pendenzi ta' kawża ceduta jigu rrangati qabel ma tinbeda l-kawża li ssegwi u ladarba l-attur, sia pure fil-mori tal-kawża, fil-fatt dawk il-pendenzi ħeles minnhom jintitolaw għall-applikazzjoni ta' din id-duttrina. In linea ukoll mal-gurisprudenza pero' għandu jkun hemm temperament fil-kap tal-ispejjeż – ara per eżempju s-sentenza fl-ismijiet **"Sant Cassia vs Zahra"** mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Dicembru 1984. Il-Qorti anzi, biex ma*

*tinkoragixxix agir simili fil-futur, se takkolla l-ispejjeż ta' din id-deċiżjoni lill-istess attur."* [sottolinejar ta' din il-Qorti]

**19.** Fil-Kawza sucitata, il-Qorti cahdet l-eccezzjoni simili ghal dik li ghandha quddiemha din il-Qorti u f'cirkostanzi pjuttost simili. Kienet tkun storja ohra, kieku, minkejja l-eccezzjoni moghtija abbazi tal-artiklu 907 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, is-Socjeta` Attrici webbset rasha u baqghet tirrifjuta li taghmel il-hlas, anke fil-mori tal-Kawza, qabel ma l-Qorti ppronunzjat ruhha fuq din l-eccezzjoni. Kieku gara hekk, x'aktarx li dik il-Qorti kienet tapplika l-effetti tal-artiklu 907 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Din l-osservazzjoni qed issir minghajr detriment ghall-argument l-iehor imsemmi aktar 'il fuq.

**20.** Rigward l-eccezzjoni preliminari ulterjuri mqajma in via ta' nota ta' sottomissjonijiet, jinghad li din ma gietx moghtija *in limine litis* fir-risposta guramentata (artikolu 728 tal-Kap 12). Kif tajjeb sottomess mill-**Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza Pace Associates Limited vs Drawing Techniques Limited moghtija fis-7 ta' Dicembru 2005:**

"*Skond kif provvdut fl-Artikolu 728 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili u bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 731, "l-eccezzjonijiet kollha, sew jekk dilatorji jew dwar il-meritu ghandhom jinghataw fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta skond il-kaz. Dawk l-*

*eccezzjonijiet li jolqtu l-meritu ghandhom jinghataw bla hsara ta' dawn l-eccezzjonijiet dilatorji."  Jissokta jinghad fis-subinciz (2) tal-precitat Artikolu 728 illi "ebda eccezzjoni ohra ma tista' tinghata f'waqt iehor tal-kawza".  L-unika deroga hi dik fejn il-Qorti tkun sodisfatta li jezistu ragunijiet ohra fin-nota jew fir-risposta;*

*L-imsemmija provvedimenti tal-ligi gew approfonditi sew fis-**Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell in re "John Mary Vella et -vs- Winston Azzopardi nomine", 6 ta' Ottubru 1999**, ghal liema konsiderazzjonijiet fiha kontenuti qed issir pjena referenza. Brevement, minnhom jitnissel illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet, oltre li kellha ssir fil-forma preskritta mil-ligi u bil-partikolaritajiet dettati mill-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12, kellha tassattivament issegwi r-regola normativa kontenuta fl-Artikolu 728 (1). Li jfisser li min ikun imsejjah f' gudizzju u jrid jikkontesta t-talba ghandu fiz-zmien utli stabbilit jipprezenta nota li fiha jkunu migbura l-eccezzjonijiet tieghu "kollha", sew dilatorji, sew dwar il-meritu;*

***Kif saput, il-procedura hi ligi ta' ordni pubbliku u, allura, jekk il-provvediment tal-ligi jipreskrivi certu konvenzjonizmu, kemm ta' forma jew ta' kontenut, mhix ammessa interpretazzjoni ohra hlief dik letterali, u hi din li ghandha tigi osservata u segwita.***"

**21.** Din il-Qorti taghraf ukoll li tali eccezzjoni, apparti li ma setghetx tinghata, lanqas ma hija attendibbli proceduralment. In linea mas-sentenzi gia citati, il-fatt li l-proceduri precedenti gew kancellati u ma saritx talba ghar-riappuntament taghhom fit-termini tal-artikolu 199(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jipprekludix lill-Atturi milli jressqu proceduri ex novo (ara **Anthony Mintoff vs Avukat Generali et**, **Qorti Civili Prim' Awla Gurisdizzjoni Kostituzzjonali,** gia citata supra). Ghal darb'ohra, it-taghlim fuq imsemmi qed jigi citat minghajr ebda detriment ghall-argumenti l-ohra dwar artikolu 199 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, aktar 'il fuq imsemmija.

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijet fuq imsemmija, il-Qorti qieghdha taqta' u tiddeciedi billi:

**Tichad** l-ewwel eccezzjoni preliminari moghtija abbazi tal-artikolu 907 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll dik eccepita ulterjorment in via ta' nota ta' sottomissjonijiet abbazi tal-artikolu 199 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Spejjez** ta' din id-decizjoni parzjali jibqghu bla taxxa.

**Tordna** ghalhekk il-prosegwiment tal-kawza.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**